# QNIEPEN TAR-REBH!

Sunett ta' P. Ġ. Delia, s.j.

*Smajtu bħal-lum darba oħra fuq gżiritna*
*Jidwi leħinkom mill-kampnari tagħna,*
*Meta d-dija tar-rebħ xegħlet f'ħarsitna,*
*W intom ridtu fil-ferħ tissieħbu magħna!*

*L-id t'Alla biss, li dak in-nhar ħelsitna;*
*Għax jekk sejjaħna l-ħbieb, ħadd ma semagħna;*
*U kienu mġarrfa s-swar w għejjiet ħilitna,*
*U kien hemm ksieħ u dlam f'qalbna beżgħana.*

*Imbagħad, hekk f'daqqa, meta fl-ajru mriegħed,*
*Kiser, f'dik l-għodwa ta' Settembru s-sebħ,*
*L-għadu bix-xwieni ħarab minna u tbiegħed.*

*W il-qniepen daqqu u taw l-aħbar tar-rebħ,*
*Kif qed idoqqu llum hienja u ferrieħa,*
*B'għanjithom li ma tmutx, dejjem rebbieħa!*

*8 ta' Settembru, 1943.*